# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 8 ta' Frar, 2001 .**

**Avviz numru : 34/97G2(PC)**

**A.F.Ellis Limited .**

**vs**

**Michael Said .**

**Il-Qorti ,**

**Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti jhallas lis-socjeta' is-somma ta' hames mija u erbgha u sebghin lira maltija (LM574.00) bilanc dovut lis-socjeta' attrici rapprezentanti tarag tal-granit mixtri mill-konvenut .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali spedita f'Marzu 1997 u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzonijiet tal-konvenut li eccepixxa :**

**fl-ewwel lok huwa ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici stante illi t-talbiet huma illum kolpiti bil-preskrizzjoni estintiva ta' tmintax-il xahar, ai termini tal-artikolu 2148 (a) u(b) tal-Kodici Civili; kif ukoll dik estintiva ta' hames snin a tenur tal-artikolu 2156 (ft) tal-istess Kodici .**

**Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici naqset illi tiehu in konsiderazzjoni l-pagamenti kollha maghmula mill-eccipjenti, uanke jekk ghal grazzja tal-argument, datum sed non concessum, jirrizulta illi huwa dovut xi ammont lis-socjeta' attrici, l-ammont illi qeghda titlob l-istess socjeta' huwa wiehed eccessiv .**

**Illi fit-tielet lok u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tarag supplit mis-socjeta' attrici ma huwiex tal-kwalita' pattwita, stante illi l-granit supplit huwa ta' zewg kwalitajiet diversi . Ghaldaqstant l-esponenti qieghed minn issa jitlob illi jekk din l-Onorabbli Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tieghu hija tissospendi s-smiegh ta' din il-kawza u tipprefiggi terminu lill-esponenti illi matulu huwa ghandu jipprocedi b'kawza ghax-xoljiment tal-bejgh u rifuzjoni tal-prezz minnu imhallas, kif ukoll ghall-hlas tad-danni, u eventwalment tkompli tisma' din il-kawaa wara li tigi deciza dik il-kawza .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat il-verbal taghha ta' l-1 ta' Dicembru 2000 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni .**

**Rat il-verbali tax-xhieda prodotti dwar din l-eccezzjoni .**

**Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar l-istess eccezzjoni .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz ta' din l-eccezzjoni l-konvenut qieghed jikkontendi illi l-azzjoni odjerna tas-socjeta' attrici hija kolpita bil-preskrizzjoni estintiva ta' :**

**(i) tmintax il-xahar ai termini ta' l-artikolu 2148 (a) li jittratta l-azzjonijiet ta' :**

**(ii) hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu; jew l-artikolu 2148 (b) li jittratta azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut; u**

**(iii) dik ta' hames snin a tenur tal-artikolu 2156 (f) ta' l-istess Kodici li jittratta l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku .**

**Permezz ta' verbal maghmul seduta stante fl-udjenza ta' l-ewwel ta' Dicembru 2000 il-kontendenti qablu illi "n-negozju mertu ta' din il-kawza kien jikkonsisti fil-provvista u tqeghid ta' tarag tal-granit." Il-kompitu tal-Qorti f'dan l-istadju tal-proceduri huwa ghalhekk sabiex tistabilixxi liema preskrizzjoni hija applikabbli ghall-kaz in materia .**

**Il-Qorti taqbel f'dan ir-rigward ma' dak li ssottomettiet is-socjeta' attrici fin-nota taghha illi l-ebda wahda mill-artikolu citati mill-konvenut fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu ma hija applikabbli ghall- kaz in ezami . Il-partijiet qablu, kif gia inghad, illi n-negozju li tieghu qed jintalab il-hlas f'din il-kawza, kien jittratta l-fornitura u tqeghid ta' granit f'fond proprjeta' tal-konvenut . Fil-fehma taghha dan in-negozju ma jistax jigi nkorporat max-xoghol elenkat fl-artikolu 2148 (a) jew (b) tal-kap. 16, billi hawnhekk ma kelniex semplici ordni ta' bicca xoghol ta' xi artigjanat jew materjal mibjugh bl-imnut minghand tal-hanut, imma kuntratt li kien jikkomprendi kemm il-fornitura tal-materjal, fil-kaz taghna granit li kienet tissuplixxi s-socjeta' attrici, kif ukoll it-tqattiegh fid-daqs mehtieg u t-tqeghid tieghu ghand il-konvenut minn haddiema taghha . Infatti l-artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili jghid illi : "l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijet ohra ta' injam, gebel jew materjal iehor, ghall-opri mahduma minnhom jew ghall-materjal li jfornu" huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta' sentejn .**

**Fl-'Enciclopedia del Negoziante' ppublikat f'Venezia fl-1839 insibu din id-deskirizzjoni tal-kuntratt ta' appalt : "E' l'appalto una convenzione generale che abbracia e realizza una serie d'atti successivi e della medesima natura . Questo modo d'impegno, applicabile alla maggior parte delle transazioni, e' chiamato a prestare servigi immensi all'industria ed al commercio quando sia meglio inteso . Esso procura una economia di tempo, di spostamenti, di fatiche, e per conseguenza una diminuzione di spese : quest'e' il minimo suo vantaggio; pero' che induce anche nelle operazioni la sicurezza e la regolarita`" (Vol. I.. 443).**

**Li n-negozju in ezami huwa wiehed ta' appalt jinsab imsahhah ukoll b'dak li rriteniet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tal-5.12.1935 fil-kawza fl-ismijiet : "Paul Sapienza vs. Walter Antignolo" (Kollez. Vol. XXIX. III. 187) fejn intqal illi meta r-relazzjoni bejn il-partijiet tirreferi ghall-fornitura ta' bicca xoghol, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' l-artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 u mhux dik taht l-artikolu 2148 (a) li tirreferi**

**ghal xoghol maghmul ghal haddiehor bl-imnut . Hekk l-art. 2149 (a) jippresupponi l-ezistenza ta' kuntrattur u kuntratt bejn il-partijiet ghall-fornitura tal-materjal jew it-twettieq ta' bicca xoghol . Ghalhekk mastrudaxxa jkun regolat bl-artikolu 2148 (a) meta jitlob il-prezz tax-xoghol tieghu, imma jekk jassumi kuntratt definit ta' provvista, l-azzjoni tieghu tkun regolata bl-art. 2149 (a) .**

**Fil-kaz in ezami nsibu illi l-konvenut ma marx ghand id-ditta attrici biss biex jordna l-granit, hadu mieghu u qeghdu hu jew haddiehor ghalieh, imma ordna l-granit, li gie maqtugh fuq qisien specifici u mqieghed ghandu mill-impjegati ta' A.F. Ellis, u dan huwa appuntu dak li nifhmu b'kuntratt ta' appalt .**

**Ghandha ragun ukoll is-socjeta' attrici tikkontendi illi ghalhekk billi din il-preskrizzjoni ta' l-artikolu 2149 (a), applikabbli ghal kuntratt ta' appalt ma gietx eccepita mill-konvenut, ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti . L-art. 2111 tal-Kap. 16 jistipula illi : "Il-Qorti ma tistax 'ex officio' taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti nteressata." Il-Qorti ghalhekk ma tistax minn jeddha taqbad u tezamina xi preskrizzjoni li ma tkunx giet eccepita jew mhux ipprecizata . Il-parti li tkun qed teccepixxi l-preskrizzjoni ghandha tindika sew liema preskrizzjoni qed tinvoka, (Kollez. Vol. XXII.I. 952; Vol. XXX.I. 367; Vol. XXXIII. 477) .**

**Naturalment billi gie stabbilit illi l-preskrizzjoni applikabbli hija dik taht l-art. 2149 (a), ma hux il-kaz li tigi kkunsidrata l-preskrizzjoni l-ohra ta' hames snin eccepita wkoll mill-konvenut .**

**Ghal dawn il-motivi, tichad ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni u thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni fuq il-mertu .**

**L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**
**Ghar-Registratur .**

Si3497Pc
1220